MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2232/2002

**Avviz Numru 2232/02 AJD**
**M.A.S. Communications Limited**

**vs**

**Busietta Gardens Madliena Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm477.25) 9dovuti skond fattura datata 20 ta' Settembru 2000 in konnessjoni ma' servizzi ta' reklamar fil-gurnal 'Travel Trade Directory 2001', liema servizzi gew provduti mis-socjeta' attrici fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta u ghal-liema servizzi s-socjeta' attrici ghadha mhux imhallsa.

Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-3 ta' Settembru 2002 u bl-imghax mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward u dan nonostante li l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta deher fis-seduta tat-12 ta'Dicembru 2002 u nforma lit-Tribunal li s-socjeta' konvenuta kienet qed tikkontesta t-talbiet attrici u kienet ser tipprezenta risposta.

Sema' x-xhieda ta'Dr. Luigi Sansone, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm477.25) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------